**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Lulju, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**-vs-**

**Nikita Mc Anally, detentrici tal-Karta tal-Identita' 103893M**

*Kumpilazzjoni Nru. 281/16*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Nikita Mc Anally, u ċioè talli:

> F'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
>
> Fit-13 ta' Mejju, 2016, ghal habta tad-disgha ta' filghaxija (09:00p.m), f'dawn il-Gzejjer, minn Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar, u/jew fil-vicinanzi, ikkommetiet serq ta' vettura numru tar-registrazzjoni DBR946 ta' l-ghamla Peugeot ghad-dannu ta' Paul Cremona, Denis Cremona u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra

liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' (aktar minn Euro 2325.00), bil-'hin' u bix-'xorta tal-haga misruqa'.

Talli fl-15 ta' Mejju, 2016, ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (06:30p.m) fi Triq Fleur De Lys, Birkirkara, u/jew fil-vicinanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ghamlet hsara fuq vettura b'numru tar-registrazzjoni DBR946 ta' l-ghamla Peugeot ghad-dannu ta' Paul Cremona u, Denis Cremona u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra, u vettura numru ta' registrazzjoni ALI016 ta' l-ghamla Vauxhall ghad-dannu ta' Justin Redeemer Chircop u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

Talli bejn it-13 ta' Mejju, 2016, u d-19 ta' Mejju, 2016, f'dawn il-Gzejjer, f'postijiet differenti u f'hinijiet differenti, saqet vettura numru ta' registrazzjoni DBR946 tal-ghamla Peugeot u vettura numru ta' registrazzjoni JBD214 tal-ghamla Maruti minghajr ma kienet koperta minn polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riski ta' terzi persuni.

Talli fl-istess perjodu saqet vettura numru ta' registrazzjoni DBR946 tal-ghamla Peugeot u vettura numru ta' registrazzjoni JBD214 tal-ghamla Maruti minghajr licenzja tas-sewqan.

Talli fl-istess dati, f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti u 'l istess cirkostanzi saqet vettura b'numru ta' registrazzjoni DBR946 ta' l-ghamla Peugeot, b'manjiera a) traskurata, b) perikoluza u c) bla kont.

Talli fl-istess data lok, hin u cirkostanzi waqt li kienet qeghda issuq vettura numru ta' registrazzjoni DBR946 ta' l-ghamla Peugeot, kienet involuta f'incident tat-traffiku fi Triq Fleur De Lys, Birkirkara u/jew fil-vicinanzi, habtet ma vettura ohra numru ta' registrazzjoni ALI016 tal-ghamla Vauxhall u naqset li tieqaf u/jew meta kien mehtieg naqset li taghti il-partikularijiet taghha u dettalji tal-vettura li kienet qeghda issuq kif mitlub bil-ligi u/jew naqset li tirraporta l-imsemmi incident lill-pulizija jew Gwardjan Lokali.

Talli nhar id-19 ta' Mejju, 2016, bejn l-ghaxra u nofs ta' filghodu u l-hdax ta' filghodu (10:30a.m-11:00a.m), f'dawn il-Gzejjer, minn Triq it-Tiben, Swieqi, u/jew mill-vicinanzi ikkommetiet serq ta' vettura numru ta' registrazzjoni JBD214 ta' l-ghamla Maruti ghad-dannu ta' David Caruana u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-'valur' (aktar minn Euro 2325.00) 'mezz' u 'xorta tal-haga misruqa'.

Talli fl-istess data xi hin wara nofs in-nhar, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet

b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemen l-ezistenza ta' intraperizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlet xi qligh iehor b'qerq.

Talli fid-19 ta' Mejju, 2016, u/jew fil-granet ta' qabel approprijat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnjata lilha that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga (mobile tal-ghamla Samsung) jew sar uzu minnha specifikat, ghad-dannu ta' Andrew John Beacon u/jew persuni ohra.

Talli naqset milli thares kundizzjonijiert impost fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u/jew mill-Qorti Kriminali (Malta), li biha inghatat il-helsien mill-arrest.

Talli rrendiet ruhha recediva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta that l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Talli kisret Ordni ta' Probation moghtija nhar l-24 ta' Dicembru, 2014, mill-Magistrat Dr.J.Demicoli LL.D.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat li waqt l-udjenza tal-4 ta' Gunju, 2018, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha ghajr ghall-imputazzjoni rigward ksur tal-kundizzjonijiet fuq helsien mill-arrest.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet, ghajr ghall-akkuza (l) kif indikata fl-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju minn tieghu (u cioe` li l-imputata kissret il-kundizzjonijiet dwar il-beneficcju tal-helsien mill-arrest), migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi fir-rigward tal-akkuza (l), il-Qorti rat is-sottomissjoni tal-partijiet maghmula nhar l-4 ta' Gunju, 2018, kif ukoll regghet semghet il-partijiet nhar it-3 ta' Lulju, 2018.

Illi giet ikkunsidrata n-nota tad-Direttur ghas-Servizzji Korrettivi minn fejn jirrizulta li fit-8 t'Awissu, 2016 b'digriet tal-Qorti Kriminali,[1] gie revokat il-helsien mill-arrest tal-imputata wara li l-istess imputata giet awtorizzata tirtira w tizbanka d-depozitu ta' €3,000, hekk kif precedentement ordnat b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-proceduri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Robert Zahra et***, nhar il-11 t'Ottubru, 2012.[2]

Isegwi li din l-imputazzjoni (l) giet soddisfacentement ppruvata mill-Prosekuzzjoni. Madanakollu l-Qorti giet prekluza milli tordna li l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta galadarba l-flus hekk depozitati gew rilaxxati favur l-imputata kif inghad. Mit-8 t'Awissu, 2016, dawn il-flejjes ma baqghux f'idejn ir-Registratur tal-Qorti u ghaldaqstant lanqas ma baqghu soggetti ghall-konfiska; dan sehh wara li l-prosekuzzjoni fir-risposta taghha ghar-rikors tal-imputata prezentat fl-atti tal-proceduri ***Il-Pulizija vs Robert Zahra et,*** naqset milli tindika lil Qorti Kriminali li ma setghetx tawtorizza tali rilaxx minhabba li dawk il-flejjes kienu soggetti ghall-

[1] Fol.322
[2] Fol.28-29

konfiska favur il-Gvern ta' Malta minhabba l-akkuzi odjerni li l-imputata kienet qed tiffaccja.

Illi dwar l-imputazzjoni (n), li wkoll giet ammessa mill-imputata, giet esebita sentenza moghtija mill- Magistrat Dr. Josette Demicoli datata l-24 ta' Dicembru, 2014,[3] li fiha jirrizultaw il-konnotati tal-imputata. B'dik is-sentenza l-imputata giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Ghalhekk il-Qorti se titratta mal-imputata kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dawk il-proceduri Mc Anally kienet giet akkuzata talli (i) nhar it-13 ta' Dicembru, 2014, u fil-jiem u x-xhur ta' qabel ghall-habta tas-01:00hrs gewwa Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer kellha fil-pussess taghha d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitix bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Giet akkuzata ukoll talli (ii) fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kisret xi kundizzjoni/jiet tal-helsien mill-arrest fosthom illi ma taghmilx reat iehor ta' natura volontarja u illi tiffirma gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra kuljum, moghti b'digriet moghti mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D. Kif ukoll giet akkuzata talli (iii) fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkommettiet reat ta' natura volontarja li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taht kundizzjoni, ghal zmien sena, ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposta fuqha b'sentenza datata 16 ta' Jannar, 2014, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel. Finalment Mc Anally giet akkuzata talli (iv) fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrendiet ruhha recediva ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li hija ga giet misjuba hatja

[3] **Dok.TMD** a fol.111 et seq.

permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Ghaldaqstant din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputata ghal dawk l-imputazzjonijiet li taghhom, fuq ammissjoni, kienet instabet hatja. Jinghad izda li l-Qorti giet prekluza milli tittratta mal-akkuzata dwar it-tielet (iii) imputazzjoni f'dik l-akkuza peress li s-sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D. tas-16 ta' Jannar, 2014, baqghet ma gietx esebita in atti.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset n-natura tal-akkuzi li tinstab addebitata bihom l-imputata, il-fedina penali xejn felici taghha, ic-cirkostanzi tal-kaz u tal-ammissjoni taghha li ghalkemm ma inghatatx fi stadju bikri saret qabel ma l-imputata bdiet tressaq il-provi taghha. Ix-xhieda tal-istess,[4] li l-Qorti tqis ghandha mis-sewwa, nghatat hafna piz fil-konsiderazzjonijiet taghha. Ittiehed in konsiderazzjoni s-*Social Enquiry Report* minn fejn jirrizulta li l-imputata stess, li kellha trobbija ferm difficli, rrikorriet minn jedda ghall-ghajnuna.[5] Illum jidher li nhelset mill-vizzju tad-droga li giet introdotta ghalih precizament minn dawk li kellhom dmir jittutelaw t-trobbija minn taghha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271, 279(b), 280(2), 289, 293, 328(d), 308, 309, 310(b), 579(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikolu 15(1)(2)(3) u 55 tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 3 tal- Ordinanza huwa l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolament 67(1)(5) tar-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur, L.S. 65.11, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha **u tikkundannaha ghal tmienja u tlettin (38) xahar prigunerija.**

B'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputata ghal zmien sitt xhur. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

---

[4] Fol.268 et seq.

[5] **Dok. DL** a fol.280

Inoltre`, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputata, fuq ammissjoni, instabet hatja tal-imputazzjoni (n) u cioe` li wettqet reati waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D., fl-24 ta' Dicembru, 2014, qed tittratta maghha ghall-imputazzjoniji li dwarha kienet tpoggiet taht tali ordni daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet; ghalhekk wara li rat l-artikoli l-artikoli 22, 23 u 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u regghet rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (L.S.101.02; GN 292/1939), u l-artikoli 49, 50 u 579[6] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni (f'dawk il-proceduri), issib lill-imputata hatja ta' dawk l-akkuzi, u tikkundannaha ghal **xahar prigunerija u multa ta' hames mitt ewro (€500),** liema multa tista' tithallas b'rati mensili ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) fix-xahar, bl-ewwel pagament issir dovut fl-(1) ta' Settembru, 2018. F'kaz li tali multa ma tithallasx, ghandha tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hatja thallas l-ammont ta' €442.63 rapprezentanti spejjez peritali.

In vista tax-xhieda tal-imputata, tordna notifika ta' din is-sentenza flimkien max-xhieda tal-imputata mintbagħtu minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lill-Assitent Kummissarju Dennis Theuma sabiex <u>immedjatament</u> jinvestigaw l-allegazzjonijiet maghmula tenut kont dak li jipprovdi l-artikolu 208B(6) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.[7]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[6] Qabel l-emendi li saru bl-Att ***VIII tal-2015,*** li ddahhal fis-sehh fil-15 ta' Marzu, 2015, il-piena kienet dik ta' multa jew ta' prigunerija sa sitt xhur jew ghat-tnejn

[7] "(6.) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta'dan il-Kodiċi jew ta'kull liġi oħra, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda għaddej mill-ġurnata meta l-vittma tkun tal-età."